Kunsill Lokali Żejtun
28, 'Dar iż-Żwieten', Triq Sant' Anġlu, Żejtun ZTN1369
Tel: 21 66 38 66 fax: 21 66 39 39 e-mail: zejtun.lc@gov.mt
website:www.zejtunlocalcouncil.com

| | |
|---|---|
| **Seduta** | Laqgħa Pubblika |
| **Data** | 13/02/2014 fis-6.15pm |
| **Post** | Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali Żejtun, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun ZT |

ŻEJTUN *Citta' Beland*

| **Attendenza** | | |
|---|---|---|
| | Sindku Joe Attard | Preżenti |
| | Viċi Sindku Maria Dolores Abela | Preżenti |
| | Amanda Abela | Preżenti |
| | Joan Agius | Preżenti |
| | Claude Camilleri | Skużat minħabba safar |
| | Raymond Caruana | Preżenti |
| | Sean Chircop | Preżenti |
| | Stephania Fenech | Preżenti mis-6.25pm |
| | Joseph Hales | Preżenti |

**Għal min il-laqgħa l-pubbliku ma attendiex**

| **Preżenti wkoll** | |
|---|---|
| | Segretarju Eżekuttiv Anton Falzon |
| | Assistant Prinċipal Caroline Schembri |
| | Accountant Lawrence Cauchi |
| | Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ Christabel Carabott |

**Tqassmu l-minuti tal-laqgħa pubblika tas-sena 2013. Is-Sindku fetaħ u ppreseda l-laqgħa.**

**1. Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Pubblika 2013**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** |
|---|---|---|---|
| 1. | 1 | Proponent: Hales<br>Sekondant: Agius | **Il-Minuti tal-Laqgħa Pubblika 2013 inqraw u ġew approvati nem.con. Ma kienx hemm korrezzjonijiet.** |
| 1. | 2 | Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti | |

**2. Ftuħ mis-Sindku**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** |
|---|---|---|---|
| 2. | 1 | Sindku: Triq il-Palazzi | Is-Sindku kkummenta dwar l-istat ta' Triq il-Palazzi li ssemma fil-laqgħa pubblika tas-sena l-oħra. Huwa qal li sfortunatament din it-triq għadha fl-istess stat iżda bl-inizjattiva ta' programm ta' resurfacing ta' toroq imniedi mill-Ministru Joe Mizzi Triq il-Palazzi ser tiġi resurfaced din is-sena. |
| | | Sindku: Triq San Alfonsu | Is-Sindku rraporta li l-wiċċ ta' Triq San Alfonsu ser jiddaħħal fil-programm ta' din is-sena. |
| | | Sindku: Ġnien iż-Żgħożija | Is-Sindku spjega li fi Ġnien iż-Żgħożija saret żebgħa kif ġie suġġeriet fil-laqgħa pubbliku preċedenti. |
| | | Sindku: Latrina Pubblika f'Misraħ ir-Repubblika | Is-Sindku qal li sar titjieb sostanzjali fuq il-latrina pubblika ta' Misraħ ir-Repubblika, iżda tinħtieġ attenzjoni kontinwa. |
| | | Sindku: WIFI | Dwar l-iskema tal-WIFI, is-Sindku spjega li s'issa għadha ma ħarġitx skema sabiex jiżdiedu s-sistemi tal-WIFI fil-lokalitajiet. Il-Gvern preżenti għandu l-ħsieb li jżid in-numru tal-WIFI proposti. Hekk kif joħorġu l-iskemi, il-Kunsill ikun jista' japplika. |
| | | Sindku: Ringroad | Is-Sindku spjega li l-proposta tar-ringroad li tgħaqqad il-parti ta' Triq Falkunier ma' San Klement għadha trid titpoġġa fuq l-aġenda ta' Transport Malta u l-pjanti jridu jiġu approvati mill-MEPA. |

3. **Rapporti tal-Kunsilliera**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni |
|---|---|---|---|
| | | Sindku: Jirraporta | Is-Sindku rraporta li l-Kunsilliera ppreżentaw ir-rapport tax-xogħol tagħhom fir-rapport annwali.<br><br>Is-Sindku semma l-Kunsilliera li kien hemm fil-Kunsill preċedenti kif ukoll dawk il-kunsilliera ġodda li ġew eletti. Huwa semma wkoll li s-sena l-oħra kien hemm bidla fl-amministrazzjoni tal-Gvern Ċentrali. Huwa qed jistenna li jkun hemm ċertu attenzjoni fuq ix-Xlokk li mistenni jolqot lil-lokalita' taż-Żejtun. Qed nistennew xi proġetti li ser ikunu implimentati.<br><br>Iż-Żejtun qed jaffċċja fondi nieqsa mill-allokazzjoni speċifikament għall-Amministrazzjoni, li l-Kunsill irid jagħmel tajjeb għalihom minn fondi oħrajn. Riżultat ta' dan tbati l-infrastruttura. Huwa semma l-proġett tal-Galxlokk li l-Kunsill daħal għalih bl-isem minn Kappella sa Kappella. Il-Kunsill qed jimmira sabiex Triq Xrobb l-Għaġin wkoll tiġi riabilitata. Huwa jħoss ukoll li ż-żona arkeoloġika ta' Tas-Silġ m'għandhiex titħalla fl-istat diżastruż u appella sabiex l-awtoritajiet konċernati jieħdu ħsieb din iż-żona. |

Il-Viċi-Sindku u l-Kunsilliera preżenti taw rapport fil-qasir dwar is-sena ta' ħidma li wettqu fil-lokalita' flimkien mas-sotto kumitati. Rapporti dettaljati jinsabu fir-rapport ta' ħidma.

Is-Sindku talab lill-Amabaxxatriċi sabiex tagħti l-kummenti tagħha. Is-Sinj. Christabel Carabott qalet li bħalissa hija għadha qed tosserva kif jaħdem il-Kunsill u qed tattendi għal-laqgħat b'mod regolari. Hija rringrazzjat lill-Kunsill ta' l-opportunita' li taha. Hija ser tkun ic-Chairperson tal-Kunsill taż-Żgħażagħ.

5. **Preżentazzjoni tar-rapport finanzjarju għas-sena 2013**

**Riferenza** **Rif** **Mingħand / Suġġett** **Kummenti / Deċiżjoni**

Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv stiednu lill-Accountant tal-Kunsill, is-Sur Lawrence Cauchi sabiex jersaq mal-mejda tal-Kunsill sabiex jispjega r-rapport finanzjarju.

Min-naħa tieħu s-Sur Cauchi ta spjegazzjoni dettaljata tar-rapport finanzjarju, liema rapport ser jiġi sottomess lid-Dipartiment tal-Gvern Ċentrali u lill-uffiċċju ta' l-Awditur Ġenerali sa nhar il-21 ta' Frar, 2014. Hu rrisponda għal kull mistoqsija li kellhom il-Kunsilliera.

Fuq proposta tal-Kunsillier Chircop sekondata mill-Kunsilliera Agius, il-Kunsill approva dan ir-rapport. Għaldaqstant dan ir-rapport ġie ffirmat mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**Is-Sindku għalaq il-laqgħa fit-8.30pm**

Joe Attard
Sindku

Anton Falzon
Segretarju Eżekuttiv